# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 204/2013**

Il-Pulizija

vs

**Orazey Pulis**

iben Benedict , imwieled Pieta', fit-13 ta' Novembru, 1990, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 546490(M)

Illum, 21 ta' Gunju, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Orazey Pulis quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

1. Talli fil-31 ta' Dicembru 2011, ghal habta ta' 11:00hrs u fil-hinijiet ta' qabel, fuq il-bahar fl-inhawi ta' San Tumas, limiti ta' Marsaskala, waqt l-istagun miftuh ghall-kacca ta' l-ghasafar minn fuq il-bahar: ikkaccja jew ipprova jikkaccja, minn fuq il-bahar, xi ghasfur li mhux inkluz fit-Taqsima B ta' l-Iskeda II u dan bi ksur tar-regolament 18(1)(f)(i) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006, hekk kif emendat, L.S. 504.71.

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi waqt l-istagun miftuh ghall-kacca ta' l-ghasafar minn fuq il-bahar: ikkaccja jew ipprova jikkaccja, minn fuq il-bahar f'medda ta' tlett kilometri, jew inqas, mill-kosta minn fuq xi dghajsa jew opra tal-bahar, u dan bi ksur tar-regolament 18(l)(f)(ii)(aa) ta' L.S. 504.71.

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi waqt l-istagun miftuh ghall-kacca ta' l-ghasafar minn fuq il-bahar mill-kosta, arma tan-nar li tkun licenzjata ghall-kacca tat-tjur li tkun ikkargata, jew li ghandha l-iskratac fil-kompartiment tal-iskratac taghhom jew li tkun tinsab barra mill-ghata taghha u dan bi ksur tar-regolament 18(l)(f)(iii)(aa) ta' L.S. 504.71.

4. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi waqt l-istagun miftuh ghall-kacca ta' l-ghasafar minn fuq il-bahar ikkaccja minn fuq il-bahar xi ghasfur li mhux elenkat fit-Taqsima ta' l-iskeda II tal-A.L. 79 ta' l-2006 u dan bi ksur tar-regolament 5(3)(b) hekk kif emendat, L.S. 504.71.

5. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaccja jew ipprova jikkacja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-ghasafar Selvaggi, mhux skont dawn ir-Regolament u mhux skont il-kondizzjonijiet ta' kull licenzja moghtija tahthom u dan bi ksur tar-regolament 4(1) ta' l-A.L.79 ta' l-2006 hekk kif emendat, L.S. 504.71.

6. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaccja jew ipprova jikkacja xi ghasfur minghajr ma kellu licenzja adattata ghal dik l-attivita mahruga lilu taht ir-regolamenti dwar il-konservazzjoni tal-ghasafar Selvaggi jew taht xi ligi ohra u dan bi ksur tar-regolament 16(a) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006, hekk kif emendat, L.S. 504.71.

7. T alli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra l-ebda persuna m'ghandha tikkaccja jew tipprova tikkaccja, tiehu jew tipprova tiehu b'kull mezz li jkun xi ghasfur kif permess skont id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, kemm il-darba dik il-persuna ma tkunx fil-pussess ta' licenza valida skont ma tkun tapplika,

mahruga mid-direttur, u dik il-persuna tkun tissodisfa l-kondizzjonijiet kollha specifikati fil-licenza u f'kull ligi ohra u dan bi ksur tar-regolament 12(1) tas-SL 504.71.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 ta' April, 2013 fejn il-Qorti wara li rat ir-Regolamenti 18(1)(f)(i) , 18(1)(f)(ii), 18(1)(f)(iii)(aa), 5(3)(b) u 4(1) tal-A.L. 79 tal-2006, 16(a) tal-A.L. 79 tal-2006 u 12 tas-SL 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti ma sabitx hati lill-imputat tar-raba' (4) u il-hames (5) akkuza u ghaldaqstant illiberatu minnhom.

Sabitu hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tas-sitta (6) u tas-seba' (7) akkuza u kkundannatu multa ta' elf  Ewro. Ordnat l-iskwalifika tal-licenzja tal-kacca tal-imputat ghal sena.

Rat ir-rikors tal-appellant Orazey Pulisipprezentat fis-7 ta' Mejju, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka, thassar, tvarja u tirriforma s-sentenza tal-Ewwel Onor. Qorti billi filwaqt li tikkonkfermaha f'dik il-parti fejn sabet lir-rikorrenti mhux hati tal-akkuzi migjuba kontrih, tirriformaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellanti hati tal-akkuzi migjuba kontrih sabiex b'hekk jigi liberat minn kull htija u piena. Bla pregudizzju ghat-talba ta' dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' htija, f'kaz li din il-Qorti ssib xi htija fl-esponenti, hija mitluba taghti piena aktar xierqa u gusta ghac-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fuq il-provi prodotti l-Ewwel Onor. Qorti ma setghet qatt issib lill-appellant hati ta' kwalunkwe akkuza migjuba fil-konfront tieghu u subortinatament ma setghet qatt issib sejbien ta' htija fuq parti mill-akkuzi u fl-istess hin tillibera lill-appellanti fuq l-erba akkuzi l-ohra stante li l-provi kienu l-istess.

Kif inghad fuq il-prova primarja kienet hekk

i. Mark Sultana ra li kien hemm xi nies fuq dghajsa li kellhom senter minghajr ghata.

ii. Ha ritratti ta' din id-dghajsa.

iii. Wara sema sparer gej mid-direzzjoni ta' din id-dghajsa u skond hu ra li kienu sparaw fuq sula.

iv. Illi huwa ghadda din l-informazzjoni lill-pulizija.

v. PC 1209 E. Grima fl-affidavit spjega li li kien sar rapport mill-kwartieri generali tal-Pulizija li fil-Bajja ta' San Tumas kien hemm dghajsa zghira li fuqha kien hemm zewg persuni li kienu ghall-kacca u li kienu ghadhom kif sparaw u qatlu sula (tajra protetta). Dak il-hin marru fil-post u minn fuq l-art raw permezz ta' tromba zewg persuni f'dghajsa bit-tinda u li fiha kien hemm zewg persuni fuqha u li deher li kien hemm senter minghajr ghata. Din id-dghajsa giet konfermata mis- Surgent PS 1330 li kienet registrata fuq Oliver Pulis ID 36182M. Deher lill-kuntistabbli li minn din id-dghajsa inxtehtet xi haga l-bahar. Id-dghajsa marret lejn il-moll ta' M'Skala fejn intlaqghu minn PC 77 li kellu jara li ma jinhatt xejn minn fuq din id-dghajsa. Fid-dghajsa ma nstab xejn ghajr is-senter Benelli S/N H546490M debitament registrata fuq Oliver Pulis. Wara l-istess kuntistabbli tkellem ma' Mark Sultana li kkonferma dak li effetivament xehed fil-Qorti bid-differenza li lill-pulizija qal li kien ra lill-kaccaturi jisparaw fuq sula izda ma kienx jaf jekk dawn gabruhiex.

vi. PS 1330 xehed ukoll permezz ta' affidavit u a skanz ta' ripetizzjoni (stante li hija identika kwazi ghal dik ta' PC 1209) l-appellant jaghmel riferenza ghaliha.

Hemm elementi f'dawn il-provi li huma tali li ghandhom iwasslu sabiex din L-Onor. Qorti tiddikjara li l-appellant ghandu jigi liberat. L-ewwel fatt ta' certa importanza hja t-trapass ta' zmien. Mark Sultana ddikjara li ra lill-appellanti (jew ahjar lil xi nies) jikkaccja fuq il-bahar u li dana kien ghal xi t-8 am. Issa l-akkuza relattiva hija ghal xi l-11am u fil-hinijiet ta' qabel. Dan huwa punt importanti u krucjali. Meta Sultana ra dak li lilu deherlu suspettuz ma kellux camera fuqu. Aktar tard telaq minn fuq il-post mar sal-karozza u gab camera biex jiehu ritratti tad-dghajsa tal-imputati. Hemm differenza fil-hin ta' meta sema l-isparar u ha r-ritratti tad-dghajsa li huma krucjali u li huma fattwalemtn favur it-tezi tal-appellant li huwa ma kien ghamel ebda kacca illegali. Naturalment id-dghajsa relattiva hija t-tip komunissima Malta. Naturalment ukoll Mark Sultana m'gharafx lill-appellant la fuq il-bahar u wisq inqas fl-Awla tal-Ewwel Onor. Qorti.

L-affidavits tal-pulizija jaghmluha cara li r-rapport relattiv dahal fil-11 am. Ghalhekk kemm id-dubju dar jekk l-individwi koncernati kienux jew le l-appellant u huh. Rapport li sar fit-8 am wasal ghand il-pulizija fil-11 am. l-istess pulizija mbaghad iddikajraw li avvicinaw il-post u permezz ta' tromba setghu jaraw lil xi persuni jwaddbu xi haga l-bahar u jorbtuha b'*jerry cans*. Din l-ahhar allura grat wara l-11 am stante li r-rapport gie ghand il-pulizija proprju ghal xi l-11 am. Ghalhekk hemm element qawwi ta' trapass ta' zmien li ghandu jimmilita favur l-appellant.

Ghalkemm huwa minnu li f'dawn it-tip ta' akkuzi ikun difficli li wiehed jistabilixxi hin ezatt, f'dan il-kaz partikolari kellna xhud okulari li stabilixxa hin preciz. L-appellant, u din il-Qorti hekk ghandha taghmel ukoll, bir-rispett, ma jistax jigi misjub hati fuq akkuza li taghti hin tant generiku ta' l-11 am u fil-hinijiet ta' qabel.

Oltre dan hemm imbaghad il-kwistjoni ta' x'intrema l-bahar. L-appellant gie milqugh fil-moll minn PC 77 LI MA TTELLAX JIXHED . Ghalhekk, ghandna problema f'dik li tista tissejjah in-nexus li jghaqqad lill-appellant mar-rapport inizjali ta' Mark Sultana. Mark Sultana jista' jikkonferma li ra dghajsa li minn fuqha sparaw tiri izda ma setghax jikkonferma li min spara kien l-appellant.

Irid jizdied jinghad li ma saret ebda prova dwar dak li allegatament intefa l-bahar.

Ghalhekk fuq il-fatti l-Ewwel Onor. Qorti ghamlet diversi assunzjonijiet li ma jiskontrawx ruhhom fil-provi prodotti u fuq hekk biss din l-Onor. Qorti ghandha tilqa dan l-Appell.

Aggravji legali

Kif seta qatt l-appellant jigi misjub hati fuq parti mill-akkuzi u jigi liberat fuq l-akkuzi l-ohra? Hawnhekk si tratta ta' decizjoni li bir-rispett taghmel kontrosens assolut. L-appellant ma giex mijsub hati tar-raba (4) u il-hames (5) akkuza izda gie misjuba hati tal-bqija tal-akkuzi. Dawn l-akkuzi jirrigwardaw l-istess fatti u l-appellant legittimament jistaqsi: liema kienu dawk il-provi li setghu waslu ghal htija fuq parti u fuq nuqqas ta' htija fuq ohra meta l-fatti kienu l-istess? Infatti

l-ewwel akkuza kienet: Akkuzat talli fil-31 ta' Dicembru 2011, ghal habta tal-11:00 a.m. u fil-hinijiet ta' qabel, fuq il-bahar fl-inhawi ta' San Tumas limiti ta' Marsaskala, waqt l-istagun miftuh ghall-kacca ta' l-ghasafar minn fuq il-bahar: tikkaccja jew tipprova tikkaccja, minn fuq il-bahar, xi ghasfur li mhux inkluz fit-Taqsima B ta' l-Iskeda II; u dan bi ksur tar-regolament 18(1)(f)(i) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006, hekk kif emendat, L.S. 504.71. L-akkuza numru erbgha kienet: Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi waqt l-istagun miftuh ghall-kacca ta' l-ghasafar minn fuq il-bahar ikkaccjajt minn fuq il-bahar xi ghasfur li mhux elenkat fit-Taqsima ta' l-iskeda II ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 u dan bi ksur tar-regolament 5(3)(b) hekk kif emendat, L.S. 504.71.

Jekk l-appellant gie liberat mir-raba akkuza kellu bilfors jigi liberat mill-bqija tal-akkuzi.

Aggravju iehor huwa relatat mal-fatt li hawn si tratta ta' zewg imputati separati ossia Oliver Pulis u Orazey Pulis li kellhom addebitati akkuzi separati. Il-provi kollha li ngabu (salv dak relatat mal-fatti relatati ma' licenza ghal kacca) kienu bir-rispett kollu intiza sabiex jolqtu lil xi wiehed mill-akkuzati minghajr distinzjoni. Dan mhux permess fil-kamp kriminali. Fil-kamp civili, fjen wiehed ma jistax ikun cert fuq xi kwistjoni ta' negligenza, huwa solitu li ssir citazzjoni ossia rikors guramentat fil-konfront ta' zewg konvenuti jew min minnhom IZDA hawnhekk si tratta ta' kamp legali differenti. Ma jista jkun hemm l-icken dubju ragjonevoli. Ma ninsewx li x-xhud okulari ma gharafx lill-imputati u l-istess PC 77 ma ngibx jixhed kif ukoll kien hemm l-element qawwi ta' trapass ta' zmien.

Finalment irid jizdied jinghad li rieded issir il-prova li s-sula hija tajra protetta u dan ma sarx. L-akkuza kif migjuba tirriferi ghat-Taqsima B tal-iskeda II. Din it-Taqsima tirreferi biss ghal dawn l-ghasafar b'isimhom bil-latin li jistghu jkunu kaccjati fuq il-bahar. Hadd ma ngieb biex jixhed u jikkonferma li sula (isimha bil-latin mhux maghruf) setghet tigi kaccjata jew le fuq il-bahar.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;
kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi fl-ewwel lok ghandu jigi rilevat li din il-Qorti ma kellhiex il-beneficcju li tat-traskrizzjoni tax-xhieda li nghatat quddiem l-ewwel Qorti. Dan ghaliex ix-xhieda ma gietx traskritta minhabba l-fatt li dan kien kaz sommarju u l-prassi hi li ma jkunx hemm ir-traskrizzjoni tax-xieda. Ghalhekk, din il-Qorti semghet mill-gdid ix-xhieda tal-partijiet u il-valutazzjoni taghha hi biss fuq din ux-xhieda. Dan qed jinghad ghaliex fis-seduta tat-28 ta' April, 2014 l-avukat ta' l-appellant iverbalizza li fix-xhieda ta' Mark Sultana kienet hemm differenza bejn dak li hu xehed

quddiem il-Qorti tal-Magistrati u dak li xehed quddiem din il-Qorti. Din il-Qorti qed taghmilha cara li d-decizjoni taghha hu bazata fuq dak li semghet hi fil-kors ta' dan l-appell.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-appellant flimkien ma huh Oliver Pulis kienu fuq dghajsa proprjeta' ta' l-istess Oliver Pulis u kienu fil-bahar 'l barra, fl-inhawi ta' San Tumas limiti ta' Marsaskala. Huma kienu hemm ghall-kacca fuq il-bahar u Oliver Pulis kellu l-arma tieghu abbord li hi debitament licenzjata. Hu kellu licenzja valida ghall-kacca fuq il-bahar. L-appellant la kellu arma u lanqas ma kellu licenzja biex jikkacca.

Illi skont ix-xhieda ta' Mark Sultana li kien fl-inhawi li kien fuq il-ponta ta' bejn il-Jerma u il-Bajja ta' San Tumas ra lid-dghajsa ta' Oliver Pulis. Skont hu kienu nqas minn tlett kilometri 'l barra mill-kosta. Hu xehed li persuna fuq din id-dghajsa sparat fuq tajra li ma tistax tigi kkaccata skont ir-regolamenti. Din it-tajra kienet Sula u hu ra taqa' fil-bahar izda ma setghax jara jekk ingabritx minn dik id-dghajsa partikolari ghaliex bejnu u it-tajra kien hemm din id-dghajsa. Hu ha xi ritratti tal-akkadut li gew ezebiti quddiem l-ewwel Qorti.

Illi Mark Sultana rraporta l-akkadut lil Stanley Gatt li min-naha tieghu nforma lill-pulizija. Il-Pulizija gew fuq il-post indikat minn Mark Sultana u is-Surgent 1330 Alexander Schembri osserva bit-tromba li waqt li kienu diehlin Marsaskala ra li ntefa l-bahar oggett u jerrycans tal-plastic. X'kien dan l-oggett hadd ma jaf. L-appellant u huh gew milqugha fix-xatt ta' Marsaskala minn kuntistabbli li minn min-naha tieghu nforma lis-superjur tieghu li ma kien hemm xejn illegali fuq din id-dghajsa.

Illi fuq l-iskorta ta' dawn il-provi din il-Qorti ma tistax tara kif il-prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha kontra l-appellant. Huwa veru li kien ma huh Oliver izda l-arma hi ta' huh u id-dghajsa wkoll hi ta' huh Oliver. Hawnhekk, qed issir referenza ghall-appell deciz illum stess kontra Oliver Pulis fejn hu nstab hati li spara lejn l-ghasfur protett, kif jirrizulta mix-xhieda ta' Stanley Gatt. Ghalhekk, ma tistax tinstab htija kontra l-appellant.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tikkonferma s-sentenza appellata fejn l-appellant Orazey Pulis gie misjub mhux hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu. Tirrevoka u thassar il-kumplament

tas-sentenza appellata u tiddikjara lill-appellant Orazey Pulis mhux hati tal-akkuzi l-ohra migjuba kontra tieghu u ghalhekk tilliberah minn kull htija u piena.